# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 2 ta' Lulju 2020

**Rikors Numru : 406/2019 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**TS**

**Vs**

**MB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' TS datat 3 ta' Settembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu fl-erbgħa (4) ta' Settembru tas-sena elf disgħa mija u sebgħa u sebgħin (4/09/1977) (kopja taċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok A);*
2. *Illi l-partijiet isseparaw fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elf disa mija sebgħa u disgħin (1997) permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia u għalhekk ilhom jgħixu separatament għal aktar minn erba' snin (hawn anness u mmarkat bħala Dok B)*
3. *Illi m'hemm l-ebda tama għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*
4. *Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar il-manteniment stante li ebda manteniment ma jitħallas;*
5. *Illi għaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħataw d-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

   *Għaldaqstant l-esponent f'dawn iċ-ċirkostanzi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, u sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-avukat difesnur tal-intimat MB informat lill-Qorti li huwa mhux qed jopponi għad-divorzju (Vide fol 15);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**TS** xehdet (fol 16) illi hija izzewwġet lil MB fl-4 ta' Settembru 1977 u li minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, illum it-tnejn maġorenni. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali. Manteniment dovut bejn il-partijiet ma hemmx. Illi mid-data ta' separazzjoni 'l hawn, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, u lanqas hemm tama li din ir-rikonċiljazzjoni isseħħ.

**MB** xehed (fol 18) li ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet TS..

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar fl- 4 ta' Settembru 1977 (Fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal, illum it-tnejn li huma maġorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia, datat 27 ta' Novembru 1997 (vide fol 5 et seqq. tal-proċess) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment bejn il-partijiet ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-

zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**